

ĠANNI A. CILIA

**Ġunju fil-Folklor**

Ġunju huwa l-ewwel xahar tas-sajf u tafux kemm hu bieżel; fost ix-xhur tas-sena hu jqum l-aktar kmieni u jorqod l-aktar tard. Minn issa 'l hinn jibdew il-klajjem, l-ebda żiffa. Is-sinjuri tibda tħalli mill-ibliet biex tmur titfarraġ fil-frisk in-naħa tal-baħar.

Il-bajtar ta' San Ġwann jonfoħ u d-dukkâr jibda jsir, ir-rummien jibda jgħaqqad. Jibda t-tut, it-tuffieħ ta' Adam, il-basal tar-ras u xi ħjar. Il-



bħajra tibda ġejja u tiżhar, il-ġiżimin u l-ħummejr, ifewħu u jsebbħu l-btieħi.

Qawl: Meta jiġi Ġunju, tqallibx l-art bil-moħriet. Jekk bil-moħriet tigref it-tira ta' taħt din tinxef u s-siġar u x-xtieli jbatu u jinxfu.

Issa jibdew il-qigħan. Illum ftit hawn qigħan minħabba l-magni tad-dris. Meta tagħmel ix-xita tal-qigħan, erħilu l-bidwi b'romblu kbir tal-ġebel itappan il-qiegħa jew l-andar. Din kienet timtela bil-ħalel, qatet tal-qamħ u l-baqra, id-debba u l-ħmara erħilhom iduru u jduru fuq il-qamħ.

Qawl: L-andar bil-ħalel il-kbar jagħti lin-nies u lill-ħmar.

Aktar ma jkun għoli l-qamħ, aktar ikun hemm tiben għall-bhejjem u aktar qamħ għalina.

Qawl: Tidrisx fl-eħtrieq biex it-tiben ma jinħeliex. L-eħtrieq huwa ir-riħ sħun. Dan jagħmel it-tiben imqarqaċ, b'sieq il-bhejjem jitfarrak, itir mar-riħ u jintilef.

Meta l-bidwi jidhirlu li bid-dris il-qamħ kollu ħareġ miż-żbula, igeddes kollox f'ġenb il-qiegħa sa ma jonfoħ ir-riħ. Imbagħad jibda jgħolli l-qamħ u t-tiben bil-luħ u l-midra, il-qamħ jaqa' qrib għax tqil, it-tiben ħafif imur bogħod.

Qawl: Riħ ta' siegħa jnaddaf qiegħa.

Dan il-qawl, barra li jurina li aktar ma jkun riħ qawwi aktar inderru malajr, iwissina wkoll li qatt ma għandna nintefħu b'xi ġid li Alla jislifna, għax malajr nitilfuh.

Imma bil-lejl tinżel ħafna nida u x-xitla tal-qoton bin-nida tikber ħafna li tilħaq lil xulxin, hekk li l-għalqa kollha tagħlaq bl-aħdar.

Qawl: Sajf imniddi ħarġa mimlija.

U l-qawl Russu jgħid: Meta Alla ma jibgħatx ix-xita, jibgħat in-nida. Sa Ġunju jkunu għadhom jiġu xi jiem tal-bard, imma għal San Ġwann ma hemmx biża' aktar u nbiddlu l-ħwejjeġ tas-sajf. F'San Ġwann, fl-24 tax-xahar, dari konna nagħmlu l-ħġejjeġ.

Qwiel: Qabel il-ħġejjeġ tbiddilx il-ħwejjeġ.
Min ommu tħobbu, qabel il-ħġejjeġ ma tbiddillux il-ħwejjeġ.

Dari, it-tfal kienu minn ħafna jiem qabel jiġbru l-qatet niexfa taċ-ċiċri, tax-xewk, ħatab, egħwied u lejlet San Ġwann jagħmluhom munzell wieħed.

Ix-xebbiet ta' dik in-naħa kienu jagħmlu trajbu tat-tiben u jlibbsuh kif jixraq. Meta jaqbad in-nar dawn it-tfajliet kienu jduru madwar il-ħuġġieġa u jwaddbu t-trajbu lil xulxin. Kulħadd jiġri, jaqbeż ferħan. Sa fl-aħħar it-trajbu jixħtuh ġol-ħuġġieġa jinħaraq.

Ġanni A. Cilia